# Sqaqien

**Poeżiji ta'**
**ETHEL PICKARD**

Mitt darba staqsejt,
mitt darba imxejt
mas-sebgħa werrej
ta' ħuti bnedmin;
mitt darba ttamajt
kull darba sibt wiċċi ma' ħajt.

Ridt nasal malajr
fl-imkien li ħlomt bih
u tlaqt mit-triq twila
li twassal għalih...
biex dħalt fl-isqaqien.

U mxejt fl-isqaqien
li jsallbu u jserrpu,
u fhimt li dawn l-isqaqien
ma jwasslu imkien.
U bkejt għax insejt
minn liema triq ġejt.

Hawn issa niġġerra
f'bizzilla sqaqien.
Tgħid noħroġ minn hawn?
Tgħid nasal fl-imkien
li noħlom bih jien?